Il-Kunsill Malti għas-
SETTUR TAL-VOLONTARJAT

RAPPORT ANNWALI

2014

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjart
Rapport Annwali 2014

INDIĊI

Kontenut **Paġna**

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat	2
Is-Sotto-Kumitati u l-Bordijiet tal-Kunsill	3
Il-Ħidma tal-Kunsill	5
Servizzi Provduti mill-Kunsill	6
Small Initiatives Support Scheme (SIS) 2013 - Għoti tal-Proġetti	7
Small Initiatives Support Scheme (SIS) 2014	10
Laqgħat Settorjali	10
Program ta' Taħriġ għall-Amministraturi ta' Organizzazzjonijiet Volontarji	11
Taħriġ fl-Ewwel Għajnuna	12
Skema ta' *Mentoring*	13
Parteċipazzjoni fil-Fieri Nazzjonali	14
L-Ewwel Ċentru tal-Volontarjat – Valletta	15
Premju Nazzjonali tal-Volontarjat 2014	18

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjart

It-Tieni Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat temm il-mandat tiegħu fit-30 ta' Ġunju 2014. Sa din id–data il-Kunsill kien kompost minn dawn il-membri:

Is-Sur Robert Farrugia	-	Chairperson
Prof. Kenneth Wain	-	Vice Chairperson (ex-ufficcio)
Is-Sur Ian Azzopardi	-	Membru
Is-Sinjura Romina Baldwin	-	Membru (Rap.tal-Gvern mill- 1/09/ 2013)
Is-Sinjura Doris Bingley	-	Membru
Is-Sur Nathan Farrugia	-	Membru
Perit Anthony Fenech Vella	-	Membru
Is-Sinjura Louise Gusman	-	Membru
Is-Sinjura Miriam Muscat	-	Membru
Is-Sinjura Claudia Taylor-East	-	Membru
Is-Sur Lawrence Farrugia	-	Membru
Is-Sur Mauro Pace Parascandalo	-	Segretarju Eżekuttiv

It-Tielet Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat beda t-term tiegħu ta' tlett snin fl-1 ta'Lulju 2014. Dan il-Kunsill ġdid huwa kompost minn dawn il-membri:

Is-Sur Nathan Farrugia	-	Chairperson
Prof. Kenneth Wain	-	Vice Chairperson (ex-ufficcio)
Is-Sur Ian Azzopardi	-	Membru
Is-Sinjura Romina Baldwin	-	Membru (Rappreżentanta. tal-Gvern.)
Is-Sinjura Doris Bingley	-	Membru
Is-Sinjura Gertrude Buttigieg	-	Membru
Dott. Noel Camilleri	-	Membru
Is-Sur Edward Gruppetta	-	Membru
Is-Sur Ryan Mercieca	-	Membru (irriżenja fil-1 ta' Dicembru 2014)
Is-Sinjura Gemma Sirol	-	Membru
Is-Sinjura Claudia Taylor-East	-	Membru
Is-Sur Mauro Pace Parascandalo	-	Segretarju Eżekuttiv

Is-Sotto-Kumitati u l-Bordijiet tal-Kunsill

Fl-ewwel nofs tas-sena il-Kunsill kellu erba' sotto-kumitati li kienu *is-Sotto-Kumitat għat-Taħriġ* kompost minn dawn il-membri tal-Kunsill: is-Sur Nathan Azzopardi, is-Sur Ian Azzopardi u s-Sinjura Doris Bingley; *is-Sotto Kumitat għal-Proġetti tal-UE* kompost minn dawn il-membri tal-Kunsill is-Sinjura Claudia Taylor-East, is-Sur Robert Farrugia u is-Sinjura Miriam Muscat; *is-Sotto-Kumitat għaċ-Ċentru tal-Volontarjat u Relazzjonijiet Pubbliċi* kien kompost mis-Sur Robert Farrugia, il-Perit Anthony Fenech Vella u s-Sur Lawrence Farrugia, u *is-Sotto-Kumitat għal-'Platform/Networking'* magħmul mill-membri tal-Kunsill is-Sinjura Miriam Muscat, is-Sinjura Doris Bingley flimkien mas-Sur Lawrence Farrugia.

Kien hemm ukoll *is-Sotto-Kumitat Konsultattiv għall-Kummissarju* magħmul mis-Sinjura Claudia Taylor-East, is-Sinjura Louise Gusman u s-Sinjura Miriam Muscat; kif ukoll *is-Sotto-Kumitat tal-Bord ta' l-Amministratturi tal-VO Fund* kompost mis-Sur Robert Farrugia flimkien mas-Sur Ian Azzopardi u s-Sinjura Louise Gusman.

Wara l-ħatra tat-tielet Kunsill kien hemm bidla kemm fil-kompożizzjoni tal-membri, kif ukoll bidla fir-responsabbiltajiet u r-rwoli ta' uħud mis-Sotto-Kumitati l-ġodda.

Is-Sotto-Kumitat tal-Bord ta' l-Amministratturi tal-VO Fund ġie kompost minn erba' membri, is-Sur Nathan Farrugia (Chairperson), is-Sinjura Claudia Taylor-East, is-Sur Ian Azzopardi u L-Avukat Noel Camilleri. L-għanijiet tal-VO Fund bħala Fondazzjoni ġew stabbiliti mill-ligi sabiex tassisti u tappoġġja dawk l-Organiżżażżjoniet Volontarji, li huma reġistrati mall-Kummissarju, permezz ta' taħriġ, support amministrattiv u għotijiet finanzjarji skond it–terminu ta' l-Artiklu 37(3) ta' l-Att tal-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Is-Sotto-Kumitat għat-Taħriġ ġie kompost mis-Sur Edward Gruppetta (Chairperson), is-Sinjura Gertrude Buttiġieġ u s-Sinjura Gemma Sirol. It- termini ta' referenza ta' dan is-Sotto-Kumitat huma li jappoġġja u jgħin fl-iżvilupp ta' l-Organizzazzjonijiet Volontarji f'Malta u Għawdex permezz ta' programmi ta' taħriġ u ta' *'mentoring'* . Dawn il-programmi għandhom jindirizzaw fost l-oħrajn, iżda mhux biss, fuq *'capacity building'* u l-governanza.

Sotto-Kumitat ieħor huwa dak li jaħdem fuq '*Networking'*, Relazzjonijiet Pubbliċi u dawk ta' l-UE, fejn il-Kunsill ħass li għandu jingħata aktar attenzjoni. Il-membri ta' dan il-Kumitat huma s-Sinjura Claudia Taylor East (Chairperson), l-Avukat Noel Camilleri, is-Sur Edward Gruppetta u s-Sinjura Gertrude Buttiġieġ. It-termini ta' referenza huma li s-Sotto-Kumitat għandu jkun responsabbli għan-nom tal-Kunsill biex jistimulaw il-kooperazzjoni u n-'*networking'* bejn l-Organiżżażżjonijiet Volontarji u biex jipprovdi pjattaforma li minnha tiżviluppa l-kooperazzjoni bejn l-Organiżżażżjonijiet Volontarji u l-Gvern, kif ukoll jaħdem biex isaħħaħ u, f'ċerti oqsma, jistabbilixxi '*networkin'g* fost l-Organiżżażżjonijiet Volontarji, jappoġġja t-twaqqif ta' pjattaformi ġodda, u jipprovdi l-appoġġ u l-koordinazzjoni fejn ikun hemm bżonn. Is-Sotto Kumitat għandu jkun responsabbli ukoll sabiex jippromovi u jinforma lill-pubbliku dwar kwistjonijiet relatati mal-Kunsill u s-settur volontarju b'mod ġenerali. Għandu wkoll jiffaċilita` l-parteċipazzjoni tal–Kunsill fl-Unjoni Ewropew permezz ta' sħubija ma' korpi Ewropej li jaħdmu fil-qasam ta' l-Għaqdiet Volontarji.

Is-Sotto-Kumitat Konsultattiv għall-Kumissarju huwa kompost mill-Avukat Noel Camilleri (Chairperson), is-Sinjura Doris Bingley u s-Sur Ian Azzopardi. It-Termini ta' referenza ta' dan il-kumitat jirrifletti l-Artikolu 35(12) tal-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji, "il-Kunsill għandu jaħtar sotto-kumitat kompost minn tliet membri tal-Kunsill u li għandhom ikunu kkonsultati mill-Kummissarju fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 7(3). Is-Sotto-Kumitat għandu jkollu quorum ta' żewġ membri u risposta bil-miktub għandha tingħata minn żewġ membri dwar kif jiftiehmu jew le u jirakkomandaw l-azzjoni li għandha tkun biżżejjed bħala espressjoni ta' ftehim mill-kumitat ".

Il-Kunsill ħatar ukoll żewġ Sott-Kumitati 'ad hoc' għal terminu limitat u b'għanijiet speċifiċi. L-ewwel Kumitat 'ad hoc' kien responsabbli biex jippjana u jniehdi ċ-Ċentru tal-Volontarjat fil-Belt Valletta u kien kompost mis-Sur Nathan Farrugia (Chairperson), is-Sinjura Doris Bingley, is-Sinjura Romina Baldwin u l-Avukat Noel Camilleri. It-tieni Kumitat 'ad hoc' kien responsabbli biex jippjana u jniehdi l-Premju Nazzjonali tal-Volontarjat 2014. Dan il-Kumitat kien magħmul mis-Sinjura Gertrude

Buttiġieġ (Chairperson), is-Sinjura Doris Bingley flimkien mas-Sinjura Claudia Taylor East.

Il-Ħidma tal-Kunsill

It-Tieni Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat iltaqa 'erba' darbiet sa l-iskadenza tal-mandat tiegħu fit- 30 ta' Ġunju, 2014 filwaqt li t-tielet Kunsill iltaqa' sitt darbiet wara l-ħatra tiegħu fl-1 ta' Lulju, 2014.

Matul din is-sena kien hemm kontinwazzjoni tal-ħidma mwettqa mill-Kunsill sal-2013, billi tkomplew u ssaħħu l-proġetti mibdija ta' Taħriġ u '*Capacity Building'* għall-Amministraturi ta' Organiżżażżjonijiet Volontarji, l-i'*Small Initiatives Support Scheme' (SIS)* u l-Premju Nazzjonali tal-Volontarjat. Matul din is-sena t-tieni Kunsill niegħda l-Iskema tal-'*Mentoring*' għall-Organiżżażżjonijiet Volontarji kif ukoll iffinalizza d-diskussjonijiet neċessarji dwar l-Emendi għall- Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji (VO Act) li ġew preżentati lill-Kummissarju għall-Organiżżażżjonijiet Volontarji. Il-Proposti għall-'*Budget 2015'* ġew ippreżentati lill-Gvern sabiex possibilment jiġu implimentati fl- 2015. Meta t-tielet Kunsill beda l-ħidma tiegħu fit-tieni nofs tas -sena, kien hemm tranżizzjoni bla skossi fil-ħidma tal-Kunsill bil-kontinwazzjoni tat-Taħriġ u l-programm tal-'*Mentoring*' kif ukoll it-tniegħdija ta' l-iskema ta' l-i'*Small Initiatives Support Scheme'* li tappoġġja proġetti żgħar li għandhom jiġu mwettqa fl-2015. Matul it-tieni nofs tas-sena l-Kunsill għamel sforz akbar sabiex jinstab post għaċ-Ċentru tal-Volontarjat tant mistenni, liema proġett ġie mwettaq u uffiċjalment kien inawgurat fl-aħħar tal-2014.

Saru diversi laqgħat bejn il-Kunsill, Ministri u Entitajiet Uffiċjali. Kien hemm ukoll serje ta' laqgħat bejn delegazzjoni mill-Kunsill mal-Ministru għad-Djalogu, l-Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, l-Onorevoli Helena Dalli, liema Kunsill jaqa' taħt id-dekasteru tagħha, fejn ġew diskussi diversi punti għal liema l-Ministru wriet l-impenn sħiħ tagħha fl-appoġġ lejn il-Kunsill u s-Settur Volontarju in ġenerali. Il-Kunsill kellu wkoll żjara ta' kortesija kif ukoll laqgħa formali mal-Eċċellenza Tagħha il-President

tar-Repubblika Marie Louise Coleiro Preca. Dawn il-laqgħa kienu ferm produttivi u wittew it-triq għal aktar kooperazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet, fosthom dak li l-President stiednet rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Bord tal-*Malta Community Chest Fund,* fejn il-Kunsill aċċetta u nnomina lis-Sur-Nathan Farrugia.

Is-Servizzi Provduti

Il-Kunsill kompla jaħdem fuq is-servizzi offruti lis-settur u kompla jibni fuq dak li kien sar fis-sentejn ta' qabel. Il-Kunsill baqa' jtejjeb u jaġġorna ż-żewġ websajts li huma l-www.maltacvs.org u www.volontarjat.org. Dawn iż-żewġ websajts li għandhom funzjoni kumplimentari jżommu l-Organiżżażżjonijiet Volontarji u l-pubbliku ġenerali infurmati dwar dak li qed jiġri fis-settur tal-Volontarjat kif ukoll jintużaw sabiex jipprovdu l-applikazzjonijiet *online* għas-servizzi pprovduti mill-istes Kunsill. Din l-għodda tappoġġja wkoll l-Organiżżażżjonijiet Volontarji fil-promozzjoni tal-attivitajiet tagħhom u t-taħriġ permezz tal-paġni *Latest Posts*, *Web Calendar* u l- *Advert Banner*. L-Informazzjoni tista' tiġi ċċirkolata wkoll permezz ta' *Mass Mailing System*, liema sistema nstabet li qegħda tkun ferm utli kemm fit-tixrid ta' informazzjoni mill-Kunsill lill-Organizzazzjonijiet Volontarji, kif ukoll biex jiċċirkolaw informazzjoni dwar attivitajiet ta' interess fuq livell nazzjonali u attivitajiet orgnizzati mill-Organiżżażżjonijiet Volontarji u li huma ta' interess ġenerali. It- tieni sit, dak ta' www.volontarjat.org, jgħin sabiex jitlaqqgħu Organizzazzjonijiet Volontarji, voluntiera, individwi jew gruppi ta' ħbieb li jixtiequ jfittxu li jagħtu servizzi tal-volontarjat.

Id-Direttorju ta' l-Għaqdiet Volontarji li jinsab *online* huwa għodda attiva oħra li tintuża bħala punt ta' referenza għall-entitajiet varji b'aktar minn elf u erba' mitt Organizzazzjoni Volontarja msieħba fiha.

Small Initiatives Support Scheme (SIS) 2013 – Għoti tal-Proġetti

Il-Fond ta' l-Organizzazzjonijiet Volontarji fi ħdan il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat fl-ewwel kwart tas-sena qassam għat-tielet sena konsekuttiva ammont ta' fondi taħt l-iskema ta' l-i*Small Initiatives Support Scheme (SIS)* li ġew aġġudikati fl-2013.

Din l-inizjattiva, li hija appoġġjata mill-Ministeru tad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, din is-sena sostniet dsatax-il Għaqda Volontarja b'somma ta' €3,000 għall kull Għaqda sabiex iwettqu l-proġett tagħhom.

.

F'Ċerimonja tal-Għoti tal-Premjijiet li saret nhar il-Ħamis it-13 ta' Marzu, 2014 f'Dar l-Ewropa, il-Belt Valletta, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, l-Onorevoli Helena Dalli, flimkien mas-Sur Robert Farrugia, Chairperson tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, ippreżentaw il-kuntratti għall-proġetti lill-Organiżżażżjonijiet Volontarji li ġejjin :

1. Troupe 18.45 (VO/0371)
2. Inizjamed (VO/0355)
3. Il-President's Award Scheme (VO/0831)
4. The Helping Hands Group (VO/0286)
5. ADHD Family Support Group Malta (VO/0041)
6. RISe Malta (VO/0834)
7. Salesians Oratory (VO/0079)
8. Special Olympics Malta (VO/0165)

9. The New Choral Singers (VO/0343)
10. Spiro Mizzi Foundation (VO/0721)
11. Victim Support Malta (VO/0141)
12. Women's Rights Foundation (VO/0880)
13. Centru Tbexbix (VO/011)
14. Jesuit Refugee Services (JRS) Malta (VO/064)
15. Ghaqda Banda Zejtun (VO/362)
16. St Jeanne Antide Foundation (VO/005)
17. Birzebbugia Sailing Club (VO/654)
18. Organisation for Friendship in Diversity (VO/279)
19. Medical Students' Association (VO/417)

Fid-diskors tiegħu s-Sur Farrugia qal li l-iskema tal-*SIS* fl-aħħar tliet snin appoġġjat sittin proġett b' fond ta' €180,000, proġetti li ppermettew lill-Organizzazzjonijiet Volontarji li jaħdmu fis-setturi varji sabiex iwettqu inizjattivi żgħar li mingħajr dan il-fond ma kienux isiru. Hu qal li din l-iskema hija waħda mill-inizjattivi meħuda mill-Kunsill sabiex jappoġġja lis-settur volontarju, liema skema hija possibbli grazzi għall-appoġġ finanzjarju mogħti mill-Gvern, fejn din is-sena l-għajnuna finanzjarja żdiedet konsiderevolment .

L-Onorevoli Ministru Helena Dalli fl-indirizz tagħha rringrazzjat l-Organizzazzjonijiet Volontarji kollha għall-impenn tagħhom u s-servizz fil-komunità. Hija qalet li għandha biss kliem ta' tifħir għall-individwi li jaħdmu fis-settur u jagħtu l-kontribut tagħhom . Il-Ministru qalet li għal dawn ir-raġunijiet il-Gvern kien lest biex jappoġġja s-settur mhux biss finanzjarjament, fejn din is-sena il-Fond tal-NGOs żdied għal €3,600,000 u l-allokazzjoni lill -Kunsill Malti għas-Settur Volontarju ġie miżjud b'allokazzjoni totali ta'

€260,000, iżda wkoll permezz tal-involviment tas-settur fil-politika li tolqot l-aspetti li huma ta' tħassib komuni.

Photo Gallery – SIS 2013 Għoti tal-Proġetti

Small Initiatives Support Scheme (SIS) 2014

L-iSkema tas-SIS għal-proġetti li għandhom jitwettqu fl-2015 infetħet fil-15 ta' Ottubru 2014. Laqgħa ta' informazzjoni kienet imtella' għal dawk l-Organizzazzjonijiet Volontarji interessati li jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom saret fl-14 ta' Novembru 2014. Sal-għeluq tal-iskadenza tal-iSkema, kienu sottomessi erbgħa u tmenin applikazzjoni għall-proġetti minn Organizzazzjonijiet Volontarji reġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Laqgħat Settorjali



Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat beda jorganizza Laqgħat Settorjali kull tlett xhur għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Dawn il-laqgħat huma maħsuba li jiġu organizzati fuq bażi regolari sabiex il-Kunsill ikun jista' jistabbilixxi linja diretta ta' komunikazzjoni mal-istess Organizzazzjonijiet, fejn jitqajjmu

punti, tħassib u r-rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw lis-Settur li fih joperaw. Permezz ta' dawn il-laqgħat il-Kunsill se jkun ukoll f'pożizzjoni li jinforma lill-Organizzazzjonijiet fuq il-pjanijiet futuri tiegħu, kif ukoll biex jinkludi l-istess Organizzazzjonijiet fi proġetti u inizjattivi li jkunu ser ikunu attwati. L-Organizzazzjonijiet Volontarji huma maqsuma f'erba' gruppi settorjali li huma Ambjent u Ħarsien ta' l-Annimali; Assistenza Umanitarjat, Assistenza Socjali u Saħħa; Kultura, Arti u Sport; u Edukazzjoni u Żgħażagħ. L-ewwel sett ta' laqgħat saru fi Frar / Marzu, it-tieni sett f'Mejju / Ġunju u t-tielet sett sar f'Ottubru 2014.

Programm ta' Taħrig għall-Aministratturi tal-Għaqdiet Volontarji.

Għat-tielet sena konsekuttiva l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat organizza l-Programm ta' Taħriġ indirizzat għall-Amministraturi li jaħdmu fi ħdan l-Organizzazzjonijiet Volontarji. It-Taħriġ din is-sena kien immexxi minn *Allied Consultants* f'isem il-Kunsill, fejn it-taħriġ kien offrut kemm lill-amministraturi minn Organiżżażżjonijiet Volontarji reġistrati u dawk mhux reġistrati. Dan it-taħriġ kien miftuħ għal dawk involuti fit-tmexxija u l-ġestjoni tal-Organizzazzjoni Volontarja, membri tal-kumitat, il-mexxejja tat-tim eċċ. Il-medja tal-parteċipazzjoni kienet tajba għall-ewwel ħames sessjonijiet, b'medja ta' attendenza ta' erbgħin parteċipant għal kull sessjoni. Sfortunatament il-parteċipazzjoni niżlet l-isfel fl-aħħar erba' sessjonijiet .

Il-Lista tas-sessjonijiet li ġew offruti:

Title	Date
1.Governanza – l-Amministrazzjoni u l-Liġi	3ta' Mejju 2014
2. Komunikazzjoni, *Fundraising* u *Campaigning*	17ta' Mejju 2014
3. Aċċess għall-Fondi tal-EU u Lokali (Part1)	31ta' Mejju 2014
4. Aċċess għall-Fondi tal-EU u Lokali (Part2)	14ta' Ġunju 2014
5. Finanzi	28ta' Ġunju 2014
6. *Networking*, Qsim ta' Prattiċi Tajbin u Idejat	20ta' Settembru 2014
7. Sostenibilita u *Fundraising Techniques*	27ta' Settembru 2014
8. Kif timmaniġja l-Voluntiera u l-iStaff	11ta' Ottubru 2014
9. Valuri, Etika u Prinċipji	25ta' Ottubru 2014

Taħriġ fl-Ewwel Għajnuna

Wara s-suċċess tal-Programm ta' Taħrig mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat li ilu għaddej mill-2012 din is-sena il-Kunsill iddeċieda li jżid suġġetti oħra. Wieħed minn dawn is-suġġetti l-ġodda kien it-taħriġ fil-'*First Aid*'. Għall-ewwel darba l-Kunsill organizza żewġ Korsijiet ta' L-Ewwel Għajnuna li saru b'kollaborazzjoni mal-*Malta Red Cross Society* u St.John Ambulance Brigade Malta. L-ewwel kors sar mis-Soċjetà Maltija tas-Salib l-Aħmar li sar f'Marzu 2014 u t-tieni kors sar f'Mejju 2014 mis-*St. John Ambulance Brigade*. Biex tikkomplimenta din l-

inizjattiva, il-Kunsill Malti organizza taħrig ieħor ta' L-Ewwel Għajnuna f'Għawdex li kien organizzat ukoll f'Mejju, mogħti mill-*'Emergency Response & Rescue Corps'*.

Barra minn dawn it-tliet Korsijiet il-Kunsill appoġġja ukoll erba' korsijiet oħra organizzati mill-Organiżżażżjonijiet Volontarji fi ħdan il-komunità tagħhom stess. Dawn il-korsijiet kienu maħsuba biex jindirizzaw gruppi partikolari ta' persuni fi ħdan il- komunità u fejn l–attendenza għall-dawn il-korsijiet kienu b'xejn.

Skema ta' *Mentoring*

Il-Kunsill niegħda għall-ewwel darba l-inizjattiva tal-iskema tal-*Mentoring* maħsubha biex jagħti pariri u appoġġ lill-Organizzazzjonijiet Volontarji bħal *'one to one'* fuq oqsma speċifiċi skond il-bżonnijiet tagħhom. L-oqsma li fihom ġiet pprovduta din l-għajnuna kienu *Fundraising Techniques*, Innovazzjoni u Intrapriża Soċjali; Maniġġjar ta' Voluntiera u Staff; Governanza – il-Finanzi; Governanzace – L-Aspett Legali u Amministrattiv; u Komunikazzjoni u *Campaigning*. Kull Organizzazzjoni kienet tista' tapplika għal massimu ta' għaxar siegħat f'sena. Kull sessjoni kienet ta' mhux aktar minn sagħtejn –il waħda għall-kull laqgħa, fejn jekk jinħass il-bżonn setgħu jintalbu iktar siegħat. Sitta u għoxrin Organiżżażżjoni Volontarja bbenefikaw minn din l-inizjattiva.



Il-Parteċipazzjoni fil-Fieri Kummerċjali Nazzjonali

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat kien kuntent li jirrepeti l-inizjattiva ta' l-2011 biex jagħti spazju lill-Organizzazzjonijiet Volontarji biex jippromovu l-organizzazzjonijiet tagħhom matul iż-żewġ fieri kummerċjali ewlenin tas-sena li huma *l-Malta Trade Fair* fl-MCCF, Ta 'Qali u "il- Fiera l-Kbira " fil-Montekristo Estate, Ħal Farruġ, Luqa.

Il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju stieden lill-Organiżżażżjonijiet Volontarji biex ikunu parti mill-i*stand* tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat u jippromovu l-Organiżżażżjoni tagħhom . Aktar minn tletin Organizzazzjoni Volontarja pparteċipaw f'din l-inizjattiva li ġiet meqjusha bħala suċċess kbir mill-istess Organizzazzjonijiet. Il–*Malta Trade Fair* saret bejn is-26 ta' Ġunju, 2014 u s-6 ta' Lulju, 2014 fl -MFCC u l-Fiera l-Kbira saret fil-Montekristo Estate mill-11 sal-20 ta' Lulju 2014.

Ritratti – Parteċipazzjoni fil-Fieri Kummerċjali Nazzjonali

L-Ewwel Ċentru tal-Volontarjat - Valletta

Iċ-Ċentru tal-Volontarjat se jservi primarjament biex irawwem u jiżviluppa l-volontarjat fil-komunità kollha kif ukoll jappoġġja dawk l-organizzazzjonijiet volontarji żgħar u medji fl-operat tagħhom. B'mod ġenerali dan ser jappoġġja erba' oqsma ewlenin: Il-promozzjoni tal-volontarjat, il-bini ta' kapaċitajiet b'effett għall-volontarjat, jipprovdi tmexxija fuq kwistjonijiet relatati mal-volontarjat u joffri lin-nies b'opportunitajiet sabiex ikunu ta' servizz, u bħala bażi li minnu l-Organizzazzjonijiet Volontarji żgħar u medji jistgħu joperaw.

Iċ-Ċentru, li l-ħsieb tiegħu ilu jinħema għal dawn l-aħħar erba' snin, sab l-għajnuna neċessarja sabiex isir realta' b'intervent dirett tal-Ministeru għad-Djalogu, l-Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili li permezz tiegħu ġie misjub il-bini permezz tad-Dipartiment tal-Artijiet. Il-bini, li jinsab f'181, Triq Melita, kantuniera ma Triq San Pawl fil-Belt Valletta f'żona ċentrali ħafna u aċċessibbli, jipprovdi l-ispazju neċessarju għall-iskop proġettat.

L-ewwel Ċentru tal-Volontarjat kien inawgurat uffiċjalment fil-5 ta' Diċembru mill-Onor . Ministru Helena Dalli fil-preżenza tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, immexxi mill-President is-Sur Nathan Farrugia, u diversi mistednin. Iċ-Ċentru tal-Volontarjat

li jinkludi l-uffiċċini amministrattivi tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat minn fejn se jmexxi l-operat tiegħu, inkluż taħriġ, appoġġ u bini tal-kapaċità tas-Settur, inkluża l-faċilita ta' librerija. Se jkun qed jipprovdi wkoll faċilitajiet varji biex l-Organiżżażżjonijiet Volontarji jkunu jistgħu jagħmlu użu bħala spazju għall-laqgħat u faċilitajiet komuni, mgħammra b'erba' kmamar tal-laqgħat u sala għat-taħriġ li se jintużaw fuq bażi ta' qsim tal-ħin għal dawk l-Organiżżażżjonijiet Volontarji li jeħtieġuhom bħala bażi għall-operazzjonijiet tagħhom.

Ritratti – Valletta Volunteer Centre Official Opening





Il-Prempju Nazzjonali Volontarjat 2014

Il-Premju Nazzjonali tal-Volontarjat ġie organizzat għar-raba' sena konsekuttiva mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat u li għall-ewwel darba saret taħt il-patroċinju tal-ET il-President Marie Louise Coleiro Preca. Din is-sena l-Prempju Nazzjonali tal-Volontarjat kien ikkumplementat minn tliet premjijiet ġodda li kienu l-Premju Voluntier Żagħżugħ/a, il-Premju Organizzazzjoni Voluntarja u l-Premju għall-Kumpaniji li jsostnu l-Għaqdiet Volontarji.

L-għan tal-Premjijiet Nazzjonali huwa li jagħtu rikonoxximent wiegħsa għas-servizzi li jingħataw mill-voluntiera u l-Organizzazzjonijiet Volontarji fi ħdan il-komunità, joħolqu kuxjenza dwar il-valuri eżemplari murija mill-voluntiera u l-organizzazzjonijiet bil-għan li jkunu ta' mudell għaż-żgħażagħ u s-soċjetà sabiex jirrikonoxxu l-kontribuzzjonijiet importanti fl-oqsma varji.

Iċ-Ċerimonja tal-Premju saret fid-9 ta' Diċembru, 2014 fil-Palazz Presidenzjali, fejn il-Premjijiet kienu ppreżentati mill-ET il-President Marie Louise Coleiro Preca akkumpanjata mis-Sur Nathan Farrugia, Chairperson tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat .

Il-Premju Nazzjonali tal-Volontarjat huwa mmirat li jagħti rikonoxximent lil dak il-voluntier li kkontribwixxa fi kwalunkwe qasam, bħal dak soċjali, umanitarju, saħħa, ekoloġija, kulturali, edukazzjoni, sports, eċċ. Il-ħidma volontarja għandu jkollha kontribut pożittiv lejn il-qasam partikolari u għandu idealment isservi bħala ispirazzjoni għall-oħrajn. Il-Premju Nazzjonali Voluntier tas-Sena din is-sena ingħata lis-Sinjura Gemma Sirol li kienet voluntiera sa mill-età ta' 11-il sena. Ilha membru attiv tas-St. John Ambulance Brigade sa mill-1967 u bħalissa hija l-Kummissarju tal-istess St. John Ambulance Brigade. Hi serviet ukoll bħala voluntiera f'diversi kumitati kemm fil-komunità lokali kif wkoll fuq Bordijiet tal-Gvern.

Il-Premju Organiżżażżjoni Volontarja li huwa mogħti lil dik l-Organizzazzjoni Volontarja li ilha topera fis-settur fejn hija innovattiva fl-istess servizzi tagħha fi ħdan il-komunità kif ukoll fil-mod li taħdem bih fil-qasam tar-reklutaġġ u ta' appoġġ lill-voluntiera, ingħata lil Hospice Malta. Hospice Malta tipprovdi servizzi ta' kura paljattiva għall-pazjenti li jsofru minn kanċer, Motor NEURON Ward, problemi respiratorji, tal-qalb u mard tal-kliewi. Permezz ta' titjib kontinwu u l-investiment fir-riżorsi tagħha, Hospice Malta taspira li tkompli tipprovdi l-kwalità tal-kura tal-ħajja u l-appoġġ tagħha. Il-Voluntiera fil-Hospice Malta huma parti integrali ħafna fl-Organizzazzjoni li ma tistax taħdem li mhux għax-xogħol ta' aktar minn mitejn voluntier li huma involuti fis-setturi kollha ta' l-Organiżżażżjoni.

Il-Premju Voluntier Żagħżugħ/a li huwa mogħti lil Voluntier/a fl-età ta' bejn is-16 u t-30 sena hu mmirat biex jippromovi l-volontarjat fost iż-żgħażagħ, kien mogħti lis-Sur Gabriel Hammet li huwa voluntier mas-St John Ambulance Brigade u li jiddedika ħafna mill-ħin tiegħu sabiex jagħti daqqa t'id f'dak li jkun hemm bżonn fl-Organizzazzjoni fejn xi kultant jattendi għall-iktar minn servizz fl-istess jum, anka meta s-sejħa tkun saret f'qasir żmien.

L-aħħar premju kien dak tal-**Premju għall-kumpaniji li jsostnu l-Għaqdiet Volontarji** li huwa maħsub għall-dik il-Kumpanija jew Organizzazzjoni li ġejja mis-Settur Privat li tat l-appoġġ tagħha lis-Settur Volontarju, kemm bħala appoġġ dirett kif ukoll billi tappoġġja u ssostni lill-impjegati tagħha fil-ħidma fil-volontarjat. Dan il-prempju mar għall HSBC Malta Bank plc bħala entità li tħaddem sistemi li jinkoraġġixxu l-impjegati sabiex isiru aktar involuti fil-komunità bħala voluntiera u jappoġġjawhom. L-HSBC jippromovi ambjent ta' xogħol fejn l-attivita tal-volontarjat hija stmata u mħeġġa, fejn temmen ukoll li għandu jkun hemm relazzjonijiet mal-komunità bil-għan li jkollhom għarfien tajjeb ta' kwistjonijiet tal-komunità u li tkun sensitiva għall-bżonnijiet tagħhom.

Matul dan l-avveniment, li kien preżentat mis-Sinjura Fiorella Pace, il-kantant Kurt Cassar interpreta tliet kanzunetti, fosthom il-kanzunetta "Inservi" , dedikata bit-tema tal-volontarjat . Il-Mużiċista Michelle Paris daqqet siltiet fuq l-arpa, b'wirja sabiħa fuq is-*Celtic Harp*, b'repertorju ta' mużika li varjat minn kanzunetti tradizzjonali lokali u kanzunetti oħrajn marbutin mat-tema tal-Milied.

Ritratti – Premju Nazzjonali tal-Volontarjat 2014

Mauro Pace Parascandalo

Executive Secretary

MCVS